# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 277/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Stephen Saliba)

vs

**Hector Vella**

iben Michael, imwieled Pieta' fit-30 ta' Marzu, 1964, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 189864(M)

**Omissis**

Illum, 18 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Hector Vella, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) :

Talli fl-l ta' Jannar, 2011 u fix-xhur ta' qabel gewwa l-Bahrija, limiti tar-Rabat, Malta, b'diversi atti maghmulin minnhom li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzjoni

wahda bil-hsieb li jezercitaw dritt li jippretendu li ghandhom fixklu lil Giovanna Spiteri, Mary Mercieca u Carmel Giordimaina, fil-pussess ta' hwejjighom billi ostakolaw bi speci ta' xatba b'zewg hadidiet u wire porzjon ta' raba' msejha tar-Rup li tinsab gewwa l-Bahrija, Rabat.
Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex f'kaz ta' htija minbarra l-piena applikabbli, il-Qorti tordna li jitnehha kull inkonvenjent u ostaklu u wkoll li tikkundanna lil hati jew hatjien il-hlas lir-registratur ta' l-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti fil-proceduri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Mejju, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat Hector Vella hati ta' dan ir-reat u kkundannatu sittin Euro (€60) multa.

Ai termini ta l-artikolu 377 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ordnat lill-imputat Hector Vella sabiex inehhi l-katina u l-lasta tal-hadid li pogga fl-ghalqa gewwa l-Bahrija fi zmien hmistax mill-lum u fin-nuqqas jehel penali ta' ghaxar Euro (€10) kuljum.

Rat ir-rikors tal-appellant Hector Vella pprezentat fl-1 ta' Gunju, 2012 fejn talab li din il-Qorti jogħoġobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju 2012 li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Hector Vella et per Magistrat Consuelo Scerri Herrera u b'dana li ma ssibx lill-appellant hati tal-istess akkuza u minnha tilliberah biex b'hekk tillibera lill-istess appellant minn kull htija jew altemattivament tvarja s-sentenza f'dik il-parti li tikkoncema l-piena inflitta fuq l-appellant.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

**L-Ewwel Aggravju**

Illi saret kwerela fis-24 ta' Mejju, 2011 mill-Avukat Dr. Toni Abela ghan-nom ta' Carmel Giordimaina, Giovanna Spiteri u Mary Mercieca. Illi wahda rnill-parti lesa la qatt ma dehret fil-

kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati u wisq anqas xehdet. Illi x-xhieda tal-kwerelanta Giovanna Spiteri kienet importanti peress illi kienet hi stess illi kien fl-interess taghha li tkun kemm prezenti u kemm taghti ix-xhieda taghha quddiem l-Onorabbli Qorti.

Illi l-imputazzjoni taqra li l-appellant fixkel ukoll lis-Sinjura Spiteri meta din lanqas biss xehdet u dan it-tfixkil certament li ma tirrizultax kif seta' ghalhekk l-appellant jinstab hati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta.

**It- Tieni Aggravju**

Illi l-appellant jirrileva illi l-artikolu 85 tal-Kodici Krirninali jghid illi kull min, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu. Hawn jirrizulta car illi l-unika l-ostakolu li rrizulta kien illi l-kwerelanti jaccedu ghall-ghalqa taghhom bil-vettura. L-appellant jirrileva illi huwa ma ostakolax lill-kwerelanti milli jaccedu ghall-ghalqa taghhom la bir-rigel u wisq anqas bil-muturi tal-hart.

Din hija l-imputazzjoni hekk kif dedotta kontra l-appellant u l-Ewwel Qorti kellha tiddeciedi fil-parametri ta' tali imputazzjoni u tillibera.

Illi in oltre bla pregudizzju ghas-suespost, l-appellant qatt ma ried illi l-kwerelanti ma jaccedux ghall-ghalqa izda biex ma jghaddux nies mhux awtorizzati hekk kif jirrizulta mill-affidavit ta' PS 163. Fil-fatt hu kien sahansitra jtihom ic-cavetta tax-xatba sabiex huma jista jkollhom access ghall-ghelieqi taghhom.

**It- Tielet Aggravju**

Illi l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, jistipula s-segwenti:

85. (1) Kull min, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, igieghel, bl-awtorita tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkellil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew ihott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jiehu l-ilma ghalih, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, jindahal fi hwejjeg haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur:

Izda, il-Qorti tista', fid-diskrezzjoni taghha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, taghti l-piena tal-multa.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 377(5) japplikaw f'kull kaz ta' sejbien ta' htija taht is-subartikolu (1) u meta l-ghemil tal-hati jkun irrizulta filli persuna ohra tbati spoll il-Qorti ghandha tapplika d-disposizzjonijiet ta' dak is-subartikolu sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqieghed ghal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll.

Illi l-artikolu suindikat gie spjegat mill-Qrati Superjuri taghna fdiversi sentenzi. Fil-kawza Pulizija vs Carmel Farrugia li giet deciza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Frar, 1995, l-Onorabbl Qorti spjegat illi:

> *L-imputazzjoni migjuba kontral-appellant hi kjarament dik ta' ragion fattasi taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. L-elementi kostituttivi ta' dana r-reat huma, kif diversi drabi ritenut fil- gurisprudenza taghna, erbgha u cioe':*
>
> *(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor;*
>
> *(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b 'esercizzju ta' dritt;*
>
> *(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita pubblika (jew fi kliem il- Crivellari, **Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc.**, Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, "la persuasione di fare da se cio che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato "); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija vs Salvatore Farrugia**, Appell Kriminali, 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.IV1506, **Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et**, Appell Kriminali, 14 at' Ottubru, 1944, **Il- Pulizija v Lungaro Michael**, Appell Kriminali, 15 ta' Mejju, 2003);*

Illi in oltre fid-decizjoni taghha fil-kawza Il-Pulizija vs Eileen Said li giet deciza fid-19 ta' Gunju, 2002, fuq ir-reat kontemplat fl-artikolu 85 tal-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> *"Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun jrid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagni fuq il-movent li jkun wassal*

*lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-elelment materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.*

*Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja jkollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz, jekk ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif ighid il-CARRARA (Prog. Parte Speciale Vol.5 para. 2850:-*

> *"L 'atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e nell 'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche la legge protegge lo "stato quo ", il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale,"*

Illi fil-kaz odjen l-appellant qatt ma spolja lill-parti lesa milli jghaddu mill-parti maghluqa peress illi hu kien itihom ic-cwievet kull meta riduhom. Illi huma waqfu jitolbuh ic-cwievet ghax riedu huma, ghalkemm hu qatt u fl-ebda mument ma kien jghidilhom illi ma kienx ser itihom iktar ic-cwievet. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost ghalkemm kien hemm katina tal-hadid fil-bidu ta' l-ghalqa in kwistjoni minn mal-genb xorta kien hemm passagg minn fejn setghu jghaddu l-bdiewa tal-ghelieqi li jinsabu hdejn tal-appellant. Illi in oltre seta' jghaddi anka muturi tal-hart. Barra minn hekk l-appellant huwa sid l-ghalqa li huwa ghamel il-katina fiha u ghalhekk huwa ghamel din il-katina sabiex jipprotegi l-ghalqa tieghu.

Illi ghalhekk l-appellant jirrileva illi mhux l-ewwel element tal-ispoll cioe' att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni espressa jew presunta ta' dan il-haddiehor ma jissusistiex minhabba l-fatt illi l-appellant qatt ma spolja lill-parti lesa milli jghaddu mill-passagg li kien maghluq b'katina minhabba l-fatt illi huwa kien itihom ic-cavetta kull meta riduha u kienu huma stess illi rrifjutaw illi johduha iktar.

**Ir-Raba' Aggravju**

Illi r-raba' aggravju jikkonsisti fil-piena erogata ta' multa ta Ewro 60 u tnehhija tal-katina u pilastri tal-hadid.

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji kollha l-ohra, l-istess appellant ihoss illi l-piena erogata fil-konfront tieghu hija wahda oneruza met a wiehed iqis il-fatti ta' dana l-kaz u dana hekk kif ser jigi trattat aktar fid-dettal fit-trattazzjoni tal-appell.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;

kollha appelli kriminali.

Illi dan hu appell minn kawza sommarja fejn ix-xiehda tal-persuni li xehdu ma gietx traskritta. Ghalhekk, din il-Qorti kellha terga tisma mill-gdid il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti kient zammet access fl-ghalqa in kwistjoni u il-verbal tal-access jinsab traskritt a fol. 18 tal-process.

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma fil-qosor is-segwenti. Jirrizulta li fis-sena 2007 l-appellant xtara l-ghalqa hawn fuq imsemmija minghand certu Neville Galea. Hu xehed li sab din l-ghalqa mharbta u mimlija skart li persuni mhux maghrufa kienu jitfghu go fiha. L-ghalqa in kwistjoni hi wahda dejqa u wara l-istess hemm l-eghlieqi tal-kwerelanti. Skont l-appellant darba minnhom il-kwerelant Carmel Giordmaina qallu biex jara u jostakola l-access lill-terzi. Ghalhekk, l-appellant ghamel katina min-naha ghall-ohra maghluqa b'katnazz. Hu xehed li ma ostakolax l-access la bir-rigel u lanqas ghall-muturi tal-hart. Xehed ukoll li ftehim ma Carmel Giordmaina li darba fis-sena jaghtih ic-cavetta biex ikun jjista' jaccedi fl-eghlieqi tieghu bil-vettura.

Illi min-naha tal-kwerelanti Carmel Giordmaina u Mary Mercieca jirrizulta li kien hemm sensiela ta' ghelieqi wara xulxin. L-ewwel wahda kienet giet mixtrija mill-appellant. Carmel Giordmaina hu bidwi bi professjoni u xehed li dawk l-eghlieqi kienu ilhom jinhadmu minn mindu kien tifel zghir u specifikatament minn nannuh. Huma dejjem kellhom access bir-rigel, bil-mutur tal-hart u bil-vettura u ma kienx veru li hu kien qal lill-appellant biex jaghmel 'wire' biex ixekkel il-passagg liberu tal-vetturi.

Illi ghalhekk jirrizulta li hawn zewg versjonijiet konfliggenti ta' dak li kien qed jigri f'dak it-territorju.

Illi jirrizulta li l-appellant kien xtara minghand Neville Galea li min-naha tieghu kien xtara dan it-territorju minghand is-socjeta' Eliza Company Limited. Is-socjeta' msemmija kienet xtrat minghand diversi persuni b'kuntratt tat-13 ta' Mejju, 1997 redatt min-Nutar Dottor Tonio Spiteri.

Illi l-bejgh sar fl-inkluzjoni tal-klawsola numru tlieta (3) li tghid testwalment:

"Purchasers declare that all the above transferred land or the larger part thereof is let to various persons and so the purchasers are acquiring the said land as it is let and without any warranty from the sellers not even for any latent defects. The purchasers are expressly renouncing to any rights which they may have in case that the whole land or part thereof has any defects."

Illi jirrizulta mix-xhieda tal-appellant li hu ma kienx jaf b'din il-kondizzjoni meta hu xtara minghand Neville Galea u ghalhekk hu car li hu ma kienx a konoxxenza tal-passaggi jew moghdijiet li kien hemm.

Illi fit-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-abbli difensur tal-appellant postula l-ipotezi li l-ewwel element tar-'ragion fattasi' u cioe' l-element li jrid ikun hemm att estern li jispolja lil xi hadd iehor ma jezistix.  Illi fil-fehma ta' din il-Qorti fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha jirrizulta car li l-azzjoni tal-appellant hu att estern li jikkonfigura fl-ipotezi ta' dan ir-reat. Dejjem, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-versjoni moghtija mill-kwerelanti hi iktar kredibbli minn dik ta' l-appellant.

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li t-tielet kwerelanti, Giovanna Spiteri, ma offrietx ix-xhieda taghha.  Fil-fehma ta' din il-Qorti dan il-fatt ma jinnewtralizzax il-kwerela minhabba l-fatt li z-zewg kwerelanti l-ohra offrew ix-xhieda taghhom u ikkonfermaw il-kwerela taghhom.

Illi t-tieni aggravju jippostula li l-appellant ma kienx xekkel lill-kwerelanti milli jidhlu bir-rigel u bil-mutur tal-hart izda bil-karozza biss.  Kif inghad hawn il-versjoni tal-access bil-vettura da parti tal-kwerelanti hi iktar kredibbli.

Illi t-tielet aggravju jirrigwarda l-elementi kollha ta' dan ir-reat.  Din il-Qorti taqbel perfettament mal-ewwel Qorti u hi tal-fehma li l-erba' elementi ta' dan ir-reat kif elenkati fis-sentenzi msemmija fir-rikors ta' l-appell jissussistu.

Ir-raba' aggravju jirrigwarda l-piena erogata mill-ewwel Qorti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-piena hi wahda fil-parametri tal-ligi u ebda kumment iehor hu zejjed.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' Hector Vella u tikkonferma s-sentenza appellata.